MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 159/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni pprezentat fit-18 ta’ Mejju 2005 li permezz tagħha l-attriċi ppremettiet:

Illi l-partijiet ilhom miżżewġin mid-19 ta’ Settembru 1982 u minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal li jisimhom C u D li twieldu fil-5 ta’ Ġunju 1988 u fil-15 ta’ Marzu 1996 rispettivament;

Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibli minħabba eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi da parti

tal-konvenut tal-attriċi u kif ukoll eċċessi u moħqrija da parti tal-istess konvenut fil-konfront ta’ wliedhom;

Illi minħabba dan l-aġir tal-konvenut iż-żwieġ tal-partijiet tkisser b’mod irrimedjabbli;

Illi minħabba f’hekk l-attriċi talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni meħtieġa sabiex tipproċedi għal kawża kontra żewgħa għas-separazzjoni personali u dan skond digriet numru 636/2005 (anness bħala Dok. A);

Għalhekk għandu jgħid il-konvenut il-għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli jogħġobha:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-partijiet minħabba eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attriċi u kif ukoll eċċessi, moħqrija u swat da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ wliedhom jew minħabba li ż-żwieġ tkisser b’mod irrimedjabbli;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri lill-attriċi salv id-dritt ta’ aċċess tal-konvenut;

3. Tordna lil konvenut sabiex iħallas lil attriċi dik ir-retta alimentarja li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa għal attriċi proprju u kif ukoll għat-tfal minuri b’dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluż provvediment għaż-żieda skond l-għoli tal-ħajja;

4. Tapplika kontra l-konvenut il-konsegwenzi kontemplati fil-liġi minħabba li jahti għal firda tal-partijiet jew għat-tkissir taż-żwieġ tagħhom, u dan *ai termini* tal-artikoli 48 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess komunjoni u tassenja lill-partijiet rispettivament is-sehem rispettiv tagħhom mill-istess, jekk hemm bżonn bl-għajnuna ta’ esperti nominati u dan wara li jittieħed in konsiderazzjoni d-dejn li l-istess komunjoni għandha fil-konfront tal-partijiet jew min minnhom, u għal dan il-għan qed jiġi nominat

nutar sabiex jippubblika l-att relattiv u kuratur sabiex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;

6. Tordna lil konvenut jikkonsenja jew altrimenti jħallas lill-attriċi l-beni parafernali u dotali tagħha.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 16/05 kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet, ippreżentata fit-13 ta' Ġunju 2005, li permezz tagħha l-konvenut eċċepixxa bir-rispett:

Illi l-esponent ma jaqbilx illi hemm raġunijiet għalfejn l-attriċi kellha titlob is-separazzjoni personali pero' *una volta* illi l-attriċi abbandunat id-dar matrimonjali l-esponent ma jopponix għall-ewwel talba *purche* illi din għandha tiġi ppronunzjata minħabba ħtijiet imputabbli lill-attriċi prinċiparjament abbandun, sevizzi, inġurji gravi da parti tagħha.

Illi l-esponentma jopponix għat-tieni talba *purche* illi jingħata dritt ta' aċċess adegwat.

Illi l-esponent jopponi għat-talba biex jiġi ffissat manteniment għall-attriċi *stante* illi għandu jiġi dikjarat illi hija ddekadiet mid-dritt ta' manteniment *stante* li l-ħtija għat-tifrik fiż-żwieġ kienet tagħha u *stante* li hija taħdem u għandha ntrojtu tajjeb. Dwar manteniment għat-tfal l-esponent ma jopponix *purche* illi dan ikun iffissat b'mod illi jirrifletti l-introjtu tiegħu u l-introjtu tal-attriċi.

Illi l-esponent jopponi għar-raba' talba *stante* li s-sanzjonijiet kontemplati fil-liġi għandhom jiġu applikati fil-konfront tal-attriċi u mhux fil-konfront tiegħu.

Illi l-esponent ma jopponix għall-ħames talba *purche* jiġu applikati s-sanzjonijiet tal-liġi fil-konfront tal-attriċi.

Illi rigwardanti s-sitt talba l-esponent jirrileva illi m'għandu l-ebda oġġetti parafernali u dotali tal-attriċi.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz tagħha ppremetta:

Illi l-kontendenti żżewġu fid-19 ta' Settembru 1982.

Illi l-ħajja konjugali ġiet *resa* mpossibbli minħabba li l-attriċi qabdet u abbandunat iż-żwieġ kif ukoll minħabba sevizzi u nġurji gravi kommessi da parti tal-attriċi u nkompatibbilta' ta' karattru.

Illi miż-żwieġ twieldu żewġt itfal ċjoe' C u D ta' sbatax u disa' snin rispettivament.

Illi l-kontendenti kienu awtorizzati jipproċedu għas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tas-Sezzjoni Familja tal-Qorti Ċivili numru 636/2005.

Tgħid l-attriċi għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minħabba raġunijiet imputabbli lill-attriċi kif hawn fuq premess u / jew kompatibilita' ta' karattru.

2. Tapplika kontra l-attriċi s-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodiċi Ċivili fosthom dawk kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

3. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati waħda lil kull wieħed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fir-raba' talba, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi.

4. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirċievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u kuratur sabiex jirrappreżenta l-kontumaċja tal-attur f’każ ta’ bżonn.

5. Tikkundanna lill-attriċi tirrestitwixxi lill-konvenut il-proprjeta’ kollha tiegħu parafernali jew il-valur tagħha.

6. Tiffissa ġranet, ħinijiet u lok meta l-konvenut għandu jkollu aċċess għat-tfal minuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi li hija nġunta in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-attriċi rikonvenzjonata, ppreżentata fis-16 ta’ Diċembru 2005, li permezz tagħha l-attriċi eċċepiet:

1. Illi l-esponenti rikonvenzjonata taqbel ma’ l-ewwel talba tal-konvenut rikonvenzjonant b’dan pero’ illi l-Qorti għandha tippronunzja s-separazzjoni b’tortijiet imputabbli lill-istess konvenut rikonvenzjonant li kien ħati ta’ sevizzi, eċċessi, inġurji gravi u abbandun fil-konfront tal-esponenti;

2. Illi l-esponenti rikonvenzjonata ma taqbilx mat-tieni talba tal-konvenut rikonvenzjonant u dan *stante* l-fatt illi kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża, t-tort tas-separazzjoni huwa attribwibbli lil konvenut rikonvenzjonant;

3. Illi l-esponenti rikonvenzjonata taqbel mat-tielet talba tal-konvenut rikonvenzjonant b’dana illi l-komunjoni tal-akkwisti għandha tiġi likwidata u diviża bejn il-partijiet;

4. Illi fir-rigward tal-ħames talba tal-konvenut rikonvenzjonant, l-esponenti rikonvenzjonata tiddikjara illi ma għandhiex oġġetti fil-pussess tagħha li huma proprjeta’ tal-konvenut rikonvenzjonant;

5. Illi fir-rigward tas-sitt talba, l-esponenti rikonvenzjonata tirrimetti ruħha għad-deċiżjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti, wara li l-istess Qorti, jekk ikun il-każ,

jidhrilha xieraq u opportun li tisma' l-istess tfal dwar din it-talba tal-konvenut rikonvenzjonant.

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavits preżentati mill-partjiet fosthom tal-istess partijiet;

Rat id-digriet tagħha tal-13 ta' Jannar 2006 li permezz tiegħu nnominat lill-Avukat Dottoressa Graziella Bezzina bħala perit legali u rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiemha u r-rapport maħluf minnha;

Rat ukoll ir-rapport tal-A.I.C. Valerio Schembri, nominat mill-Qorti biex jivvaluta l-proprjeta' immoblijari tal-partijiet;

Semgħet ix-xhieda;

Rat id-diversi digrieti oħra tagħha;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u l-verbal tas-seduta tas-7 ta' Mejju 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġia' ingħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni mingħand żewġha l-konvenut għas-soliti raġunijiet. Il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw iżda jwaħħlu f'xulxin għal dan. Il-kawża naturalment kienet kontestata ħafna u l-Qorti setgħet tara li l-partjiet irrispondew lil xulxin diversi drabi dwar l-allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta' xulxin. Il-kontestazzjonijiet prinċipali kienu dwar il-manteniment pagabbli għall-minuri u l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti għalhekk se titratta l-vertenzi f'paragrafi għalihom. Hawnhekk għandu jingħad li t-tfal li kellhom il-partijiet miż-żwieġ issa waħda hija huwa maġġorenni u allura l-Qorti m'għandhiex deċiżjonijiet x'tieħu fir-rigward; baqa' pero' l-minuri D.

**TORT**

Kif ġia’ ingħad il-partijiet iwaħħlu f’xulxin għat-tifrik taż-żwieġ; l-attriċi fl-affidavit tagħha tgħid li l-konvenut qatt ma ta każha u dejjem trattaha ħażin; il-konvenut da parti tiegħu jwaħħal fl-attriċi u jgħid illi l-problemi bdew għaliex l-istess attriċi għandha dipressjoni. Kif sewwa qalet il-perit legali, diffiċli wieħed jgħid x’kien il-kaġun għat-tifrik taż-żwieġ; tirriżulta pero’ inkompatibbilta’ kbira ta’ karattru bejn il-partijiet. Għaldaqstant il-Qorti taqbel ukoll mal-konklużjoni tal-istess perit legali u tħoss ukoll li l-partijiet t-tnejn għat-tifrik taż-żwieġ u spiċċaw jgħixu f’ *‘sistema costante di vessazione e di disprezzo,di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l’ abitazione e la vita comune’*. (**“Caterina Agius vs Benedict Agius”** – Prim’ Awla 13 ta’ Ġunju 1967).

**KURA U KUSTODJA TAL-MINURI**

M’hemmx kontestazzjoni illi l-attriċi għandu jibqa’ jkollha l-kura u kustodja tal-minuri D. Il-konvenut esprima x-xewqa li jiżdiedlu l-ħin tal-aċċess u l-Qorti taqbel u se tipprovdi għal dan fil-parti dispożittiva tas-sentenza.

**MANTENIMENT**

Għandu jingħad illi l-partijiet it-tnejn jaħdmu; l-attriċi hija mpjegata ma’ Gutenberg Press, b’salarju ta’ *circa* mija u tmienja u sittin Ewro (€168) fil-ġimgħa (*gross*) u l-konvenut mal-Gvern b’paga ftit iktar minn martu, u għalhekk m’hemmx lok ta’ manteniment bejniethom, *rebus sic standibus*.

Matul il-kors tal-kawża saru xi rikorsi fir-rigward tal-manteniment tal-minuri. Skond l-aħħar digrieti l-konvenut hu obbligat iħallas mija u sittax-il Ewro u tnax-il ċenteżmu (€116.12) kull erba’ ġimgħat *oltre* nofs l-ispejjeż konnessi ma’ edukazzjoni. Il-Qorti se tgħolli dan l-ammont għal mija u sittin Ewro (€160) kull erba’ ġimgħat kif *piu’ o meno* rakkomadandat mill-perit legali .

**PROPRJETA’** *(Beni immobbli)*

Il-partijiet jgħixu fid-dar matrimonjali tagħhom li ġġib l-isem ‘Redentur’, Triq Villabatern, Żabbar – li huma xtraw fl-1990, u kwindi l-proprjeta’ hija formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Billi din hija l-unika proprjeta’ li

għandhom il-Qorti se tordna li tinbiegħ u r-rikavat jinqasam. Il-proprjeta' hija stmata mija u ħamsa u sittin elf, u ħames mitt Ewro (€165,500)
(fol 288 *et sequitur*).

*Beni mobbli;*
Il-partijiet għandhom xi kontijiet bankarji li billi huma ta' entita' modesta għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom. Hemm imbagħad il-mobbli fid-dar li għal xi raġuni ħadd mill-partjiet ma għamel stima tagħhom, u dawn għandhom jinqasmu indaqs bejn il-partijiet. Il-Qorti għalhekk se tipprova wkoll tevita li l-partijiet ikollhom jirrikorru mill-ġdid għall-proċeduri ġudizzjari billi tordna l-qsim tal-beni mobbli fid-dar. Biex tagħmel dan qed tipprova tpatti għan-nuqqas ġja' msemmi fil-konduzzjoni tal-kawża.

Skond il-konvenut, huma għandhom vettura Escort li tiswa Lm600 u dan ma ġiex kontestat; din se tiġi assenjata lill-konvenut li jħallas nofs il-valur lill-attriċi – sitt mija u disgħa u disgħin Ewro (€699). L-attriċi ammettiet li ħadet sitt elef lira Maltin (Lm6,000) appartenenti lill-komunjoni mid-dar konjugali qabel ma telqet u hu ċar li hija għandha tirritorna nofshom (*circa* sitt elef, disa' mija u disgħin Ewro (€6,990); il-konvenut pero' għandu jħallas arretrati ta' manteniment li kien iħallas għall-minuri C li arbitrarjament kien naqqas qabel, u *nonostante* d-digriet tal-Qorti li kellu jkun effettiv mill-1 ta' Diċembru 2006. Dawn jammontaw għal elf, mitejn u ħamsa u ħamsin Ewro (€1,255). Għalhekk waqt li l-attriċi għandha tħallas €6,990 il-konvenut għandu jħallas €1,954; kwindi l-attriċi għanda tħallas ħamest elef u sitta u tletin Ewro (€5,036); dan għandu jsir meta tinbiegħ id-dar konjugali.

L-attriċi għandha tingħata lura magna tal-ħjata u sett tal-ġawhar imħallat bid-deheb peress li huma parafenali (dan il-fatt ma ġiex kontestat). Vettura oħra K3436 hija garaxxjata u m'għandhiex valur – hemm dubju kemm din għadha fil-pussess tal-konvenut. Polza ta' assikurazzjoni fuq ħajjet il-partijiet ġiet likwidata fil-mori tal-kawża.

**DEĊIŻJONI**

**Il-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi l-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi:**

**1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti iżda b'tort tal-partijiet indaqs u tawtorizzahom jgħixu separatament;**
**2. Tilqa' t-tieni talba fir-rigward tal-minuri D b'dan li l-konvenut ikollu aċċess nhar ta' Tlieta bejn il-5:00 p.m. u s-7:30 p.m. u nhar ta' Sibt u Ħadd alternattivament bejn l-10:00 a.m. u s-6:30 p.m.;**
**3. Tordna lill-konvenut iħallas manteniment lill-attriċi għall-minuri, fis-somma ta' mija u sittin Ewro (€160) kull erba' ġimgħat u dan l-ammont għandu jitnaqqas direttament mis-salarju tiegħu;**
**4. Tilqa' r-raba' talba;**
**5. Fir-rigward tal-ħames talba, tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tordna l-bejgħ tal-fond ______________________, a bażi tal-prezz ta' mija u ħamsa u sittin elf, u ħames mitt Ewro (€165,500) fuq imsemmija u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet wara li l-attur jippreleva s-somma ta' ħamest elef u sitta u tletin Ewro (€5,036) għar-raġunijiet fuq indikati; tassenja lill-konvenut il-vettura Ford Escort ____; il-kontijiet kollha bankarji f'isem il-partijiet konġuntivament jew waħedhom, *bonds* u investimenti oħra kollha f'Malta fl-istess ismijiet għandhom jinqasmu f'sehem indaqs bejn il-partijiet; tordna li l-beni mobbli (*eccetto* l-oġġetti msemmija fir-rapport tal-perit legali li jirriżulta li huma ta' wlied il-partijiet a fol 318, u ċjoe' par imsielet, tliet ċappetti tad-deheb, sett tad-deheb konsistenti f'ġiżirana, pendent u par imsielet u ċurkett, ġiżirana, wiċċ ta' Kristu u ankra u tliet kurċifissi ta' binthom C u brazzuletta tad-deheb tat-tifel D) fid-dar konjugali jiġu stmati minn Vincent Ciliberti nominat appożitament u jinqasmu bis-sorteġġ billi kull parti tieħu nofs il-valur u jekk ikun hemm lok titħallas ekwiparazzjoni; *occorrendo* taħtar lin-Nutar Paula Attard biex tippubblika l-att relattiv u l-Avukat Dottor Alessia Zammit Mckeon bħala kuratur tal-eventwali kontumaċi; l-ispejjeż tiegħu għandhom jitħallsu mill-partjiet f'ishma ndaqs.**

**6. Tilqa' s-sitt talba billi tordna lill-konvenut biex fi żmien xahar jirritorna lill-attriċi l-magna tal-ħjata u s-sett ġawhar imħallat bid-deheb proprjeta' tagħha;**
**Fir-rigward tal-kontro -talba tal-konvenut tiddeċiedi billi:**

**1. Tilqa' l-ewwel talba, iżda minħabba li ż-żwieġ tfarrak irrimedjabbilment kif fuq spjegat;**
**2. Tilqa' t-tieni talba;**
**3. Tilqa' t-tielet talba kif indikat aktar qabel dwar it-talbiet attriċi;**
**4. Tilqa' r-raba' talba ukoll kif ġja' spjegat;**
**5. Tiċħad il-ħames talba;**
**6. Tilqa' s-sitt talba kif spjegat.**

**L-ispejjez tal-kawża jitħallsu ndaqs bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------